

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 58

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

28 ta' Frar 2022

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/336 tat-28 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** 1

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/336

tat-28 ta' Frar 2022

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fil-konklużjonijiet tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill Ewropew appella lir-Russja biex tassumi bis-sħiħ ir-responsabbiltà tagħha fl-iżgurar tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet ta' Minsk bħala l-kondizzjoni ewlenija għal kwalunkwe bidla sostanzjali fil-pożizzjoni tal-Unjoni. Huwa enfasizza l-hteġa għal rispons sod u koordinat mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għal kwalunkwe attività malizzjuża, illegali u ta' tfixkil mir-Russja, bl-użu sħiħ tal-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tal-Unjoni, u l-iżgurar ta' koordinazzjoni mas-sħab. Għal dak il-għan, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") biex jippreżentaw opzjonijiet għal miżuri restrittivi addizzjonali, inkluż sanzjonijiet ekonomiċi.
- (4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill Ewropew enfasizza l-hteġa urġenti li r-Russja tnaqqas it-tensjoni kkawżata mit-tisħiħ tal-forzi militari tul il-fruntiera tagħha mal-Ukrajna u r-retorika aggressiva. Huwa tenna l-appoġġ sħiħ tiegħu għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Filwaqt li inkoraġġixxa sforzi diplomatiċi u appoġġa l-format tan-Normandija fil-kisba tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet ta' Minsk, il-Kunsill Ewropew iddikjara li kwalunkwe aggressjoni militari ulterjuri kontra l-Ukrajna jkollha konsegwenzi enormi u kost kbir bħala rispons, inkluż miżuri restrittivi kkoordinati mas-sħab.

(¹) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

- (5) Fl-24 ta' Janjar 2022, il-Kunsill approva konklużjonijiet li fihom ikkundanna l-azzjonijiet aggressivi u t-theddid kontinwi tar-Russja kontra l-Ukrajna, u appella lir-Russja biex tnaqqas it-tensjoni, tirrispetta d-dritt internazzjonali u tidħol b'mod kostruttiv fi djalogu permezz tal-mekkaniżmi internazzjonali stabbiliti. Il-Kunsill afferma mill-ġdid l-impenn sħiħ tal-Unjoni għall-prinċipji ewlenin li fuqhom hija mibnija s-sigurtà Ewropea, minquxa fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u d-dokumenti kostituttivi tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, inkluż l-Att Finali ta' Helsinki u l-Karta ta' Pariġi. Dawn il-prinċipji ewlenin jinkludu b'mod partikolari l-ugwaljanza sovrana u l-integrità territorjali tal-Istati, l-involabbiltà tal-fruntieri, l-astensjoni mit-theddida jew l-użu tal-forza, u l-libertà tal-Istati li jagħżlu jew jibdlu l-arranġamenti tas-sigurtà tagħhom stess. Il-Kunsill iddikjara li dawk il-prinċipji la huma negozjabbli u lanqas soġġetti għal reviżjoni jew interpretazzjoni mill-ġdid u li l-ksur tagħhom mir-Russja huwa ostaklu għal spazju ta' sigurtà komuni u indiviżibbli fl-Ewropa u jhedded il-paċi u l-istabbiltà fil-kontinent Ewropew. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill tenna li kwalunkwe aggressjoni militari ulterjuri mir-Russja kontra l-Ukrajna jkollha konsegwenzi enormi u kost kbir, inkluż firxa wiesgħa ta' miżuri restrittivi settorjali u individwali li jiġu adottati f'koordinazzjoni mas-sħab.
- (6) Fid-19 ta' Frar 2022, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li tesprimi tħassib dwar it-tisħiħ massiv tal-forzi armati Russi fl-Ukrajna u madwarha u ħeġġet lir-Russja biex tidħol fi djalogu sinifikattiv u f'diplomazija, iżżomm lura u tnaqqas it-tensjoni billi tirtira sostanzjalment il-forzi militari mill-viċinanza tal-fruntieri tal-Ukrajna. L-Unjoni ddikjarat li kwalunkwe aggressjoni militari ulterjuri min-naħa tar-Russja kontra l-Ukrajna jkollha konsegwenzi enormi u kost kbir bħala rispons, inkluż miżuri restrittivi koordinati mas-sħab.
- (7) Fil-21 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ffirmat digriet li jirrikonoxxi l-"indipendenza u s-sovranità" taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tar-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk, u ordna lill-forzi armati Russi jidħlu f'dawk iż-żoni.
- (8) Fit-22 ta' Frar 2022, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li tikkundanna dak l-att illegali, li jkompli jdghajef is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u huwa ksur serju tad-dritt internazzjonali u tal-ftehimiet internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU, l-Att Finali ta' Helsinki, il-Karta ta' Pariġi u l-Memorandum ta' Budapest, kif ukoll tal-Ftehimiet ta' Minsk u r-Riżoluzzjoni 2202 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (2015). Ir-Rappreżentant Għoli ħeġġeġ lir-Russja, bħala parti fil-konflitt, biex treġġa' lura dak ir-rikonoxximent, tonora l-impenji tagħha, tirrispetta d-dritt internazzjonali u terġa' lura għad-diskussjonijiet fil-format tan-Normandija u l-Grupp ta' Kuntatt Trilaterali. Huwa ħabbar li l-Unjoni ser twieġeb għal dan l-aħħar ksur mir-Russja billi tadotta miżuri restrittivi addizzjonali b'urġenza.
- (9) Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ħabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna u l-forzi armati Russi bdew attakk kontra l-Ukrajna. Dak l-attakk huwa ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.
- (10) Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li tikkundanna fl-aktar termini qawwija possibbli l-invażjoni mhux provokata tal-Ukrajna mill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u l-involviment tal-Belarusja f'din l-aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-Rappreżentant Għoli indika li r-rispons tal-Unjoni ser jinkludi miżuri restrittivi kemm settorjali kif ukoll individwali.
- (11) Fl-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Bl-azzjonijiet militari illegali tagħha, ir-Russja qed tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-NU, u qed iddghajef is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. Il-Kunsill Ewropew qabel dwar aktar miżuri restrittivi li ser jimponu konsegwenzi massivi u severi fuq ir-Russja għall-azzjonijiet tagħha, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab u l-alleati tagħna.
- (12) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li 26 persuna u entità waħda jenħtieġ li jiddiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (13) Għalhekk l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-persuni u l-entità elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jinżiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

1. Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
“671	Igor Ivanovich SECHIN (Игорь Иванович СЕЧИН)	Data tat-twelid: 7.9.1960 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: Raġel	Igor Sechin huwa l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Rosneft, kumpannija statali taż-żejt Russa u waħda mill-akbar produtturi taż-żejt mhux maħdum tad-dinja. Huwa wieħed mill-konsulenti l-aktar fdati u qrib Vladimir Putin, kif ukoll haħib personali tiegħu. Kien f'kontatt mal-President Russu kuljum. Huwa meqjus bħala wieħed mill-membri l-aktar b'saħħithom tal-elit politiku Russu. Ir-rabtiet tiegħu ma' Vladimir Putin imorru lura haħna fiż-żmien u huma profondi. Haħdem mal-President fl-uffiċċju tas-sindku ta' San Pietruburgu fid-disgħinijiet u dejjem ta prova tal-lealtà tiegħu minn dak iż-żmien 'l hawn. Fl-1999, is-Sur Sechin sar il-viċi kap tal-amministrazzjoni ta' Vladimir Putin, fl-2008 sar viċi Prim Ministru, u fl-2012 l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Rosneft. Huwa wieħed mill-oligarki Russi li jopera fi sħubija mal-istat Russu.	28.2.2022
			Huwa fost dawk il-persuni miċ-ċirku ta' Putin li jirċievu gwadann finanzjarju u inkarigi importanti bħala tpattija għas-subordinazzjoni u l-lealtà. Huwa ngħata kompiti importanti u diffiċli mill-President u ġie ppremjat bit-tmexxija ta' Rosneft u ġid kbir. Taħt it-tmexxija ta' Igor Sechin, Rosneft kienet involuta fil-finanzjament tal-vinji tal-kumpless tal-palazzi viċin Gelendzhik, li jitqies li jintuża b'mod personali mill-President Putin. Għaldaqstant appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, u bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Rosneft Aero, sussidjarja ta' Rosneft li l-uffiċjal kap eżekuttiv tagħha huwa s-Sur Sechin, tagħti l-fjuwil tal-ġettijiet lil Simferopol Airport li ttipprovdi konnessjoni permezz ta' titjiriet bejn it-territorju tal-Krimea u Sevastapol illegalment anness u r-Russja. Għaldaqstant qed jappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
672.	Nikolay Petrovich TOKAREV (Николай Петрович ТОКАРЕВ)	Data tat-twelid: 20.12.1950 Post tat-twelid: Karaganda, Kazakh SSR (issa Kazakhstan)	Nikolay Tokarev huwa l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Transneft, kumpannija ewlenija Russa taż-żejt u l-gass. Huwa konnoxxenza antika ta' Vladimir Putin u kollaboratur mill-qrib tiegħu. Serva flimkien ma' Putin fil-KGB fit-tmeninijiet. Is-Sur Tokarev huwa wieħed mill-oligarki statali Russi li haħdu l-kontroll ta' assijiet statali kbar fis-snin elfejn hekk kif il-President Putin ikkonsolida l-poter, u li joperaw fi sħubija mill-qrib mal-istat Russu. Is-Sur Tokarev ilu jmexxi lil Transneft, waħda mill-aktar kumpanniji importanti kkontrollati mill-gvern, li tittrasporta ammont konsiderevoli ta' żejt Russu permezz ta' network ta' pipelines taż-żejt żviluppati tajjeb.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Taħt it-tmexxija ta' Nikolay Tokarev, Transneft hija waħda mill-isponsors ewlenin tal-kumpless tal-palazzi viċin Gelendzhik, li jitqies li jintuża b'mod personali mill-President Putin. Huwa jibbenefika mill-prossimità mal-awtoritajiet Russi. Qraba u kollaboraturi mill-qrib tas-Sur Tokarev jarrikkixxu lilhom infushom bis-saħħa ta' kuntratti ffirmati mill-kumpanniji tal-istat.</p> <p>Għaldaqstant appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, u bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	
673.	<p>Alisher USMANOV (Russu: Алишер Бурханович Усманов; Uzbek: Alisher USMONOV)</p>	<p>Data tat-twelid: 9.9.1953 Post tat-twelid: Chust, Uzbek SSR, Soviet Union Funzjoni: Oligarka Russu</p>	<p>Alisher Usmanov huwa oligark favur il-Kremlin b'rabtiet partikolarment mill-qrib mal-President Russu Vladimir Putin. Issemma bħala wieħed mill-oligarki l-aktar favoriti ta' Vladimir Putin. Huwa meqjus bħala wieħed min-negozjanti-uffiċjali tar-Russja, li ġew fdati bis-servizzjar ta' flussi finanzjarji, iżda l-pożizzjonijiet tagħhom jiddependu fuq ir-rieda tal-President. Is-Sur Usmanov ġie rrappurtat li deher għall-President Putin u solvielu l-problemi tan-negozju tiegħu. Skont fajls tal-FinCEN ħallas \$6 miljun lill-konsulent influwenzali ta' Vladimir Putin, Valentin Yumashev. Dmitry Medvedev, il-Viċi President tal-Kunsill tas-Sigurtà tar-Russja u eks President u Prim Ministru tar-Russja, ibbenefika mill-użu personali ta' residenzi lussużi kkontrollati mis-Sur Usmanov.</p> <p>Għaldaqstant appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	28.2.2022
			<p>Is-Sur Usmanov għandu interessi f'kumpanniji tal-mineral tal-ħadid u l-azzar, tal-media u l-internet. L-akbar azjenda tiegħu hija l-kumpannija ġganta tal-azzar Metalloinvest. Meta s-Sur Usmanov ħa l-kontroll tal-ġurnal ta' kuljum dwar in-negozju Kommersant, tnaqqset il-libertà tal-persunal editorjali u l-gazzetta ħadet pożizzjoni manifestament favur il-Kremlin. Taħt is-sjeda tas-Sur Usmanov il-Kommersant ippubblikat artiklu propogandist kontra l-Ukrajna minn Dmitry Medvedev, li fih l-eks President tar-Russja għamel l-argument li kienx hemm sens f'li jkun hemm impenn f'taħdidiet mal-awtoritajiet Ukreni attwali, li fl-opinjoni tiegħu kienu taħt kontroll barrani dirett.</p> <p>Għaldaqstant appoġġa attivament il-politiki tal-gvern Russu ta' destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
674.	Petr Olegovich AVEN (Пётр Олегович АВЕH)	<p>Data tat-twelid: 16.3. 1955</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation</p> <p>Funzjoni: Oligarka qrib Vladimir Putin. Wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group</p> <p>Sess: Raġel</p>	<p>Petr Aven huwa wieħed mill-oligarki l-aktar qrib Vladimir Putin. Huwa azzjonist importanti ta' Alfa Group, li jinkludi wieħed mill-banek ewlenin Russi, Alfa Bank. Huwa wieħed minn madwar 50 negozjant sinjur Russu li jiltaqgħu regolarment ma' Vladimir Putin fil-Kremlin. Ma joperax indipendentement mit-talbiet tal-President. Il-ħbiberija tiegħu ma' Vladimir Putin tmur lura għall-bidu tad-disgħinijiet. Meta kien il-Ministru għar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Barranin għen lil Vladimir Putin, li dak iż-żmien kien viċi sindku ta' San Pietruburgu, fir-rigward tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni Sal'ye. Huwa magħruf bħala ħabib personali speċjalment qrib tal-kap ta' Rosneft Igor Sechin, alleat ewlieni ta' Putin. It-tifla l-kbira ta' Vladimir Putin, Maria, mexxiet proġett tal-karità, Alfa-Endo, li kien iffinanzjat minn Alfa Bank.</p> <p>Is-Sur Aven ibbenefika mir-rabtiet tiegħu mal-gvern. Kiteb ittra lil Vladimir Putin li fiha lmentar dwar id-deċizzjoni tal-Qorti ta' Arbitraġġ ta' Moska fil-kawża legali dwar l-interessi ta' wieħed min-negozji tas-Sur Aven. Vladimir Putin ta struzzjonijiet lill-Prosekutur Ġenerali tar-Russja biex jinvestiga l-każ. Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group lejn l-awtoritajiet Russi billi pprova għajjnuna politika lill-pjanijiet ta' investimenti barranin ta' Alfa Group.</p> <p>Is-Sur Aven u s-sieħeb fin-negozju tiegħu Mikhail Fridman ilhom impenjati fl-isforzi tal-Kremlin biex jitneħħew is-sanzjonijiet tal-Punent maħruġa biex jiġġieldu kontra l-politika aggressiva Russa kontra l-Ukrajna. Fl-2016, Vladimir Putin avża lis-Sur Aven dwar il-prospett li l-Istati Uniti kienet ser timponi sanzjonijiet addizzjonali kontra s-Sur Aven u/jew Alfa-Bank u ssuġġerixxa li kellu bżonn jieħu passi biex jipproteġi lilu nnifsu u lil Alfa-Bank, u s-Sur Aven għamel dan. Fl-2018, is-Sur Aven, flimkien mas-Sur Fridman, żaru Washington D.C. fuq missjoni mhux uffiċjali biex iwasslu l-messaġġ tal-gvern Russu dwar is-sanzjonijiet tal-Istati Uniti u dwar il-kontrosanzjonijiet mill-Federazzjoni Russa.</p> <p>Għaldaqstant appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, u bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċizzjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa appoġġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
675.	Mikhail Maratovich FRIDMAN (Михаил Маратович ФРИДМАН)	Data tat-twelid: 21.4.1964 Post tat-twelid: Lviv, Russian Federation Sess: Raġel	<p>Mikhail Fridman huwa l-fundatur u wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group, li jinkludi l-bank ewlieni Russu Alfa Bank. Huwa rnexxielu jibni rabtiet b'saħħithom mal-amministrazzjoni ta' Vladimir Putin, u ssemma bħala l-finanzjatur u l-faċilitatur ewlieni Russu taċ-ċirku ta' ġewwa ta' Putin. Irnexxielu jakkwista assijiet statali permezz ta' rabtiet mal-gvern. It-tifla l-kbira ta' Vladimir Putin, Maria, mexxiet proġett tal-karità, Alfa-Endo, li kien iffinanzjat minn Alfa Bank. Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group lejn l-awtoritajiet Russi billi pprovda għajna politika lill-pjanijiet ta' investimenti barranin ta' Alfa Group.</p> <p>Is-Sur Fridman u s-sieħeb fin-negozju tiegħu Petr Aven ilhom impenjati fl-isforzi tal-Kremlin biex jitneħħew is-sanzjonijiet tal-Punent maħruġa biex jiġġieldu kontra l-politika aggressiva Russa kontra l-Ukrajna. Fl-2018, is-Sur Fridman, flimkien mas-Sur Aven, żaru Washington D.C. fuq missjoni mhux uffiċjali biex iwasslu l-messaġġ tal-gvern Russu dwar is-sanzjonijiet tal-Istati Uniti u dwar il-kontrosanzjonijiet mill-Federazzjoni Russa.</p> <p>Għaldaqstant appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, u bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa appoġġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	28.2.2022
676.	Sergei Pavlovich ROLDUGIN (Сергей Павлович РОЛДУГИН)	Data tat-twelid: 28.9.1951 Post tat-twelid: Sakhalin Oblast Ċellist Funzjoni: negozjant, ħabib qarib ta' Vladimir Putin.	<p>Is-Sur Roldugin huwa negozjant b'rabtiet mill-qrib ma' Vladimir Putin. Huwa parti mill-iskema finanzjarja tan-network ta' Putin. Huwa s-sid ta' mill-inqas ħames entitajiet offshore u jżomm l-assijiet tiegħu f'Bank Rossiya (sanzjonat mill-Unjoni), magħruf f'Moska bħala l-"Kartiera ta' Putin" ("Putin's wallet"). Skont l-investigazzjoni mill-ICIJ, is-Sur Roldugin huwa responsabbli għar-riorganizzazzjoni ("shuffling") ta' mill-inqas 2 biljun USD permezz ta' banek u kumpanniji offshore bħala parti min-network finanzjarju moħbi ta' Putin. Ħa sehem ukoll fit-"Troika Laundromat", u għadda biljuni ta' USD mis-sistema. Barra minn hekk, irċieva aktar minn 69 miljun USD minn kumpanniji fit-"Troika Laundromat".</p> <p>Huwa għaldaqstant responsabbli li appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet, responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
677.	Dmitry Sergeyevich PESKOV (Дмитрий Сергеевич ПЕСКОВ)	Data tat-twelid: 17.10.1967 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Sess: Raġel	Dmitri Peskov huwa s-segretarju tal-istampa tal-President Putin. Huwa ddefenda pubblikament il-politika aggressiva tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa. F'diversi dikjarazzjonijiet, huwa enfasizza li t-territorju tal-Krimea u Sevastopol huwa parti integrali mir-Russja, u li l-irkupru tiegħu mill-Ukrajna mhux possibbli. Huwa sejjaħ l-azzjonijiet tal-Ukrajna mmirati biex itemmu l-okkupazzjoni Russa tal-Peniżola tal-Krimea b'ħala pretensjoni territorjali kontra r-Russja. Huwa esprima l-opinjoni tiegħu dwar l-impossibbiltà ta' negozjati mal-awtoritajiet Ukreni, u saħaq li dawn ma kinux meqjusa b'ħala sieħeb min-naħa Russa. Huwa ddikjara, għall-kuntrarju tal-fatti, li ma kienx hemm truppi Russi f'Donbass. Huwa wassal ukoll il-messaġġ li s-sanzjonijiet tal-Punent ma għandhom l-ebda effett reali fuq ir-Russja. Huwa hedded li r-Russja kienet ser timponi kontrosanzjonijiet bi tweġiba. Għaldaqstant, b'mod attiv appoġġa azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022
678.	Dmitry Nikolaevich CHERNYSHENKO (Дмитрий Николаевич ЧЕРНЫШЕНКО)	Data tat-twelid: 20.9.1968 Post tat-twelid: Saratov, Russia Funzjoni: Viċi Prim Ministru tar-Russja għat-Turiżmu, l-Isport, il-Kultura u l-Komunikazzjoni Membru tal-Bord tad- Diretturi ta' Russian Railways Sess: Raġel	Dmitry Chernyshenko huwa l-Viċi Prim Ministru tar-Russja għat-Turiżmu, l-Isport, il-Kultura u l-Komunikazzjoni u membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Railways, maħtur f'din il-pożizzjoni mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. F'Ottubru 2021, ir-Russja bdiet tisħiħ tal-forzi militari bla preċedent fuq il-fruntiera mal-Ukrajna, jew qribha, u fir-reġjun okkupaat tal-Krimea tal-Ukrajna. Hemmhekk, il-Forzi Armati Russi wettqu eżerċizzji militari fuq skala kbira. Dan wassal għal eskalazzjoni tal-konflitt u qiegħed pressjoni destabilizzanti fuq l-Ukrajna. Kemm il-persunal militari kif ukoll it-tagħmir militari tal-Forzi Armati Russi ġew trasportati għaż-żoni qrib il-fruntiera Ukrena minn Russian Railways li tagħha s-Sur Chernyshenko huwa membru fil-Bord tad-Diretturi. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja nediet aggressjoni militari fuq skala kbira kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew hedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
679.	Irek Envarovich FAIZULLIN (Ирек Энварович ФАЙЗУЛЛИН)	Data tat-twelid: 8.12.1962 Post tat-twelid: Kazan, USSR, issa Russian Federation Funzjoni: Membru tal-Bord tad-Diretturi tar-Russian Railways. Ministru għall-Kostruzzjoni u d-Djar tal-Federazzjoni Russa. Sess: Raġel	Is-Sur Irek Faizullin huwa Ministru għall-Kostruzzjoni u d-Djar tar-Russja u membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Railways, maħtur f'din il-pożizzjoni mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. F'Ottubru 2021, ir-Russja bdiet it-tisħiħ bla preċedent tal-forzi militari fuq il-fruntiera mal-Ukrajna, jew qribha, u fir-reġjun okkupat tal-Krimea tal-Ukrajna. Hemmhekk, il-Forzi Armati Russi wettqu eżerċizzji militari fuq skala kbira. Dan wassal għal eskalazzjoni tal-konflitt u qiegħed pressjoni destabilizzanti fuq l-Ukrajna. Kemm il-persunal militari kif ukoll it-tagħmir militari tal-Forzi Armati Russi ġew trasportati għaż-żoni qrib il-fruntiera Ukrena minn Russian Railways li tagħha s-Sur Faizullin huwa membru fil-Bord tad-Diretturi. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddedw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022
680.	Vitaly Gennadyevich SAVELYEV (Виталий Геннадьевич САВЕЛЬЕВ)	Data tat-twelid: 18.1.1954 Post tat-twelid: Tashkent, Uzbekistan Funzjoni: Membru tal-Bord tad-Diretturi tar-Russian Railways. Ministru għat-Trasport tar-Russja mill-2020, eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Aeroflot	Vitaly Savelyev huwa Ministru għat-Trasport tal-Federazzjoni Russa u membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Railways, maħtur f'din il-pożizzjoni mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Huwa l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Aeroflot. F'Ottubru 2021, ir-Russja bdiet it-tisħiħ bla preċedent tal-forzi militari fuq il-fruntiera mal-Ukrajna, jew qribha, u fir-reġjun okkupat tal-Krimea tal-Ukrajna. Hemmhekk, il-Forzi Armati Russi wettqu eżerċizzji militari fuq skala kbira. Dan wassal għal eskalazzjoni tal-konflitt u qiegħed pressjoni destabilizzanti fuq l-Ukrajna. Kemm il-persunal militari kif ukoll it-tagħmir militari tal-Forzi Armati Russi ġew trasportati lejn iż-żoni qrib il-fruntiera Ukrena minn Russian Railways li tagħha s-Sur Savelyev huwa membru tal-Bord tad-Diretturi. Barra minn hekk, Aeroflot taħt it-tmexxija tas-Sur Savelyev ipprovdiet trasport bl-ajru regolari għall-passiġġieri bejn ajruporti Russi u l-ajruport internazzjonali ta' Simferopol, u għalhekk appoġġat il-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment fil-Federazzjoni Russa, li mbagħad kompliet iddgħajf l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddedw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
681.	Andrey Anatolyevich TURCHAK (ТУРЧАК, Андрей Анатольевич)	Data tat-twelid: 20.12.1975 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: Segretarju tal- kunsill ġenerali tal-partit United Russia L-ewwel deputat speaker tal- Kunsill tal-Federazzjoni.	Andrey Turchak huwa s-segretarju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit United Russia u l-ewwel viċi kelliem tal-Kunsill tal-Federazzjoni. Is-suċċess politiku tiegħu huwa marbut ma' missieru, Anatoly Turchak, li kien jitħarreġ fil-judo ma' Vladimir Putin u l-aħwa Rotenberg. Huwa ppromwova attitudni pożittiva għar-rikonoxximent tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu" separatisti ta' Donetsk u Luhansk. Huwa appella lill-awtoritajiet Russi biex jipprovdu armi avvanzati lill-forzi separatisti pro-Russi fir-reġjun ta' Donbas. Huwa stqarr pubblikament li kien impossibbli li l-konflitt ta' Donbas jissolva b'mod paċifiku mal-awtoritajiet Ukreni. Huwa esprima allegazzjonijiet infondati dwar offensiva militari Ukrena ppjanata f'Donbas. Huwa mexxa n-negozjati ma' Denis Pushilin. Kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu" separatista ta' Donetsk. Huwa żar punt ta' mobilizzazzjoni tal-forzi armati separatisti fiż-żona tal-ewwel linja ta' Donbas biex personalment jifraħ lis-soldati tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" separatista f'jum id-Difensur tal-Patrija. Huwa ddefenda pubblikament id-deċiżjoni tar-Russja li tirrikonoxxi r-"repubbliki" separatisti ta' Donbas. Huwa ddikjara li r-Russja hija indifferenti għas-sanzjonijiet tal-Punent. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	28.2.2022
682.	Tigran Edmondovich KEOSAYAN (Тигран Эдмондович КЕОСАЯН)	Data tat-twelid: 4.1.1966 Post tat-twelid: Moscow, Russia Funzjoni: Attur u direttur, preżentatur tal-programm televiżiv ta' propaganda dwar affarijiet politiċi fuq il-kanal NTV, imsejjaħ "International Sawmill with Tigran Keosayan".	Is-Sur Tigran Keosayan huwa direttur tal-films u ġurnalist li xerred il-propaganda kontra l-Ukrajna fil-media Russa. Fil-programm televiżiv tiegħu ffinanzjat mill-istat, "International Sawmill with Tigran Keosayan", huwa konsistentement ippreżenta lill-Ukrajna bħala pajjiż dgħajfef u korrott, li baqa' għaddej biss bis-saħħa tal-għajnuna tal-Punent. Huwa ssuġġerixxa li l-awtoritajiet Ukreni ma kinux leġittimi. Huwa ddikjara ripetutament li l-Krimea kienet tappartjeni lir-Russja, u li Donbas ma kinitx parti mill-Ukrajna. Is-Sur Keosayan ipparteċipa fil-forum tad-"Donbas Russu" li ġie organizzat f'Donetsk mill-awtoritajiet tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" bil-għan li tinfirex id-duttrina tad-"Donbas Russu". Huwa akkuża pubblikament lill-Ukrajna li eskalat il-konflitt. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Il-programm televiżiv “International Sawmill with Tigran Keosayan” irċieva finanzjament miminn kumpanniji statali Russi, li ma kienx ġustifikat għal raġunijiet kummerċjali, iżda ngħata bħala premju lis-Sur Keosayan għall-isforzi propagandisti tiegħu u għal-lealtà tiegħu lejn Vladimir Putin. Is-Sur Keosayan idderieġa film ta’ propaganda “The Crimean Bridge. Made with Love!”, li gglorifika l-Pont tal-Krimea li jgħaqqad it-territorju tal-Peniżola tal-Krimea annessa illegalment mar-Russja. Ġie rrapportat li l-film kien maħsub bħala rigal lill-President Putin. Alexei Gromov, l-ewwel viċi kap tal-amministrazzjoni presidenzjali, għen biex jiġi żgurat finanzjament statali għall-film, li bis-saħħa tiegħu s-Sur Keosayan kiseb profitt finanzjarju.</p> <p>Għaldaqstant huwa bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	
683.	<p>Olga Vladimirovna SKABEYEVA (Ольга Владимировна СКАБЕЕВА)</p>	<p>Data tat-twelid: 11.12.1984 Funzjoni: Kofundatur u editur kap tal-portal REGNUM; Post tat-twelid: Volzhsky, Russia Funzjoni: Ġurnalista tat-TV tal-Istat Rossiya-1, li tmexxi programm ta’ taħdit politiku “60 minuta” (flimkien ma’ żewġha Yevgeniy Popov) – l-aktar talk-show popolari fir-Russja) Sess: Mara</p>	<p>Is-Sa Olga Skabeyeva hija ġurnalista tal-istazzjon televiżiv tal-istat Rossiya-1. Flimkien ma’ żewġha Yevgeniy Popov, hija tospita l-aktar dibattitu politiku televiżiv popolari fir-Russja, “60 Minutes”, fejn xerrdet propaganda kontra l-Ukrajna, u ppromwoviet attitudni pożittiva lejn l-annessjoni tal-Krimea u l-azzjonijiet tas-separatisti f’Donbas.</p> <p>Fil-programm televiżiv tagħha hija konsistentement ippreżentat is-sitwazzjoni fl-Ukrajna b’mod preġudikat, u wriet il-pajjiż bħala stat artifiċjali, sostnut kemm militarment kif ukoll finanzjarjament mill-Punent u għalhekk hija satellita tal-Punent u għodda f’idejn in-NATO. Hija naqqset ukoll ir-rwol tal-Ukrajna għall-“anti-Russja moderna”. Barra minn hekk, hija spiss stiednet mistednin bħas-Sur Eduard Basurin, is-Segretarju tal-Istampa tal-Kmand Militari tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” u s-Sur Denis Pushilin, kap tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Hija keċċiet mistieden li ma kkonformax mal-linji narrattivi tal-propaganda Russa, bħall-ideoloġija tad-“dinja Russa”. Is-Sa Skabeyeva tidher li hija konxja tar-rwol ċiniku tagħha fil-magna ta’ propaganda Russa, flimkien ma’ żewġha.</p> <p>Għaldaqstant, hija responsabbli li b’mod attiv appoġġat jew implimentat azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.</p>	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
684.	Alexander PONOMARENKO (Александр Анатольевич ПОНОМАРЕНКО)	Data tat-twelid: 27.10. 1964 Post tat-twelid: Bilohirsk, Ukrainian SSR Funzjoni: Oligarka Russu, President tal-Bord ta' Sheremetyevo International Airport	Alexander Ponomarenko huwa oligarka Russu u President tal-Bord ta' Sheremetyevo International Airport. Is-Sur Ponomarenko għandu rabtiet mill-qrib ma' oligarki oħrajn assoċjati ma' Vladimir Putin, kif ukoll ma' Sergey Aksyonov, mexxej tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" fit-territorju tal-Peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Kien involut fil-finanzjament tal-kumpless tal-palazz viċin Gelendzhik, li jitqies li jintuża b'mod personali mill-President Putin. Għaldaqstant appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna.	28.2.2022
685.	Modest Alexeyevich KOLEROV (Модест Алексеевич КОЛЕРОВ)	Data tat-twelid: 12.4.1963 Post tat-twelid: Kimovsk, Russia Funzjoni: Kofundatur u editur kap tal-portal REGNUM, li jspecjalizza fiż-żona post-Sovjetika. Mill-2005 sal-2007 huwa ħa-dem fl-Amministrazzjoni Presidenzjali. Sess: Raġel	Modest Kolerov huwa kofundatur u kap editur tal-portal REGNUM, li huwa uża biex ixerred narrattivi propagandisti aggressivi u preġudikati kontra l-Ukrajna, u biex jipromwovi attitudni pożittiva lejn l-annessjoni tal-Krimea u l-azzjonijiet tas-separatisti f'Donbas. Spiss wera lill-Ukrajna bħala pajjiż faxxista jew neo-Nazista, u pupazz tal-Punent. Huwa ddikjara li l-Ukrajna nħolqot artifiċjalment minn Lenin u Stalin. Skont il-pubblikazzjonijiet tiegħu, l-Ukrajna taf l-indipendenza tagħha lir-Russja u għalhekk ma jistħoqqilha l-ebda dritt li tkun stat sovrän. Huwa ssuġġerixxa wkoll li r-Russja għandha ttemm l-eżistenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa ppropona li l-Ukrajna tinqasam bejn il-ġirien tagħha u hedded li Ukrajna indipendenti tkun ta' theddida għar-Russja. Huwa ppromwova b'mod attiv ir-rikonoxximent tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u għal aktar azzjonijiet Russi favur is-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna. Huwa ċaħad il-provi tal-appoġġ militari Russu għas-separatisti, u indika l-missjoni tal-OSKE fil-Lvant tal-Ukrajna bħala preġudikata u subordinata għal Kiev. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u għat-tfixkil tal-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
686.	Roman Georgievich BABAYAN (Роман Георгиевич БАБАЯН)	Data tat-twelid: 7.12.1967 Post tat-twelid: Baku, Azerbaijan Funzjoni: Ġurnalista, preżentatur tal-programm televiżiv "Own Truth" fuq l-istazzjon NTV u "Right of Voice" fuq TV Cent. Huwa wkoll il-kap editur tar-radju "Moscow Speaks". Huwa wkoll membru ta' tad-Duma tal-Belt ta' Moska. Sess: Raġel	Is-Sur Roman Babayan huwa ġurnalista u membru tad-Duma tal-Belt ta' Moska. Huwa jospita l-programm televiżiv "Own Truth" fuq l-istazzjon NTV u "Right of Voice" fuq TV Cent. Huwa wkoll il-kap editur tar-radju "Moscow Speaks". Huwa xerred propaganda kontra l-Ukrajna u ppromwova attitudni pożittiva lejn l-azzjonijiet tas-separatisti f'Donbas. F'intervista li ta lil Ukrajna.ru, stqarr b'mod ċar li kull abitant ta' Donbas jippreferi li r-reġjun jingħaqad mar-Russja, u qajjem dubji dwar id-dritt tal-Ukrajna għat-territorji tagħha stess. Barra minn hekk, huwa akkuża lill-awtoritajiet Ukreni b'persekkuzzjonijiet ibbażati fuq in-nazzjonalità f'Donbas u <i>de facto</i> b'ġenoċidju, u qal li l-Ukreni qatlu tfal u anzjani f'Donbas. Huwa appoġġa wkoll in-narrattiva Russa dwar ir-"reġim faxxista" fl-Ukrajna. Sabiex jagħmel dan, huwa ppreżenta reġistrazzjoni mhux ċara ta' suldati lebsin l-arma navali tal-Ġermanja Nazista, u ddeskrivihom bħala Ukreni. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	28.2.2022
687.	Yevgeniy Nikolaevich PRILEPIN (Евгений Николаевич ПРИЛЕПИН), magħruf ukoll bħala Zakhar PRILEPIN (Russu: Захар ПРИЛЕПИН), magħruf ukoll bħala Yevgeniy LAVLINSKIY (Russu: Евгений ЛАВЛИНСКИЙ)	Data tat-twelid: 7.7.1975 Post tat-twelid: Il'inka, Russia Funzjoni: Ġurnalista, kittieb, kopresident tal-partit A Just Russia – Patriots – For Truth, attivista.	Is-Sur Prilepin huwa attivista, ġurnalista u kittieb Russu, u kopresident tal-partit A Just Russia – Patriots – For Truth. Huwa esprima l-appoġġ pubbliku tiegħu għas-separatisti Russi fil-Krimea u f'Donbas. Huwa bagħat għajnuna lil Donetsk u ta pariri lill-mexxejja separatisti. Huwa pparteċipa fil-konflitt ta' Donbas fuq in-naħa separatista, u serva bħala viċi kmandant ta' wieħed mill-battaljuni separatisti, u ddeskriva l-involvement tiegħu fid-dettall. Barra minn hekk, huwa uża l-fama u r-reputazzjoni tiegħu bħala kittieb famuż biex ixerred propaganda kontra l-Ukrajna, u biex jipromwovi attitudni pożittiva lejn l-annessjoni tal-Krimea u l-azzjonijiet tas-separatisti f'Donbas. Is-Sur Prilepin indika lill-awtoritajiet Ukreni bħala korrotti, tahom ħtija għall-eskalazzjoni tal-konflitt, sejjaħ lil Kiev bħala belt Russa u ddikjara li l-għan aħħari tar-Russja għandu jkun li tinħataf Kiev. Huwa ħa sehem f'film dokumentarju ta' propaganda Russu "Krimea: Lura d-Dar" li glorifika l-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mir-Russja. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
688.	Anton Vyacheslavovich KRASOVSKY (Антон Вячеславович КРАСОВСКИЙ), magħruf ukoll bħala Anton Vyacheslavovich KUZNETSOV-KRASOVSKY (Антон Вячеславович КУЗНЕЦОВ-КРАСОВСКИЙ).	Data tat-twelid: 18.7.1975 Post tat-twelid: Podolsk, Russia Funzjoni: Activist, ġurnalista, propagandist, ospitant ta' programm ta' taħdit bl-isem "The Antonyns" fuq RT, stazzjon televiżiv Russu ffinanzjat mill-istat	Is-Sur Anton Krasovsky huwa ġurnalista, li jospita d-dibattitu televiżiv "The Antonyns" fuq RT, stazzjon televiżiv Russu ffinanzjat mill-istat. Huwa xerred il-propaganda kontra l-Ukrajna. Huwa sejjaħ lill-Ukrajna art Russa u ddenigra lill-Ukreni bħala nazzjon. Huwa hedded ukoll lill-Ukrajna bl-invażjoni Russa jekk l-Ukrajna din kienet ser tagħmel pass eqreb biex tingħaqad man-NATO. Huwa ssuġġerixxa li tali azzjoni kienet ser twassal għat-"teħid" tal-kostituzzjoni tal-Ukrajna, b'din "tinharraq fuq Khreshchatyk". Barra minn hekk, huwa ssuġġerixxa li l-Ukrajna għandha tingħaqad mar-Russja. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022
689.	Arkady Viktorovich MAMONTOV (Аркадий Викторович МАМОНТОВ)	Data tat-twelid: 26.5.1962 Post tat-twelid: Novosibirsk, Russia Funzjoni: Ġurnalista tat-TV u preżentatur tat-TV, ospitant tal-programm tat-TV "Author's Program of Arkady Mamontov" fuq l-istazzjon televiżiv Rossiya-1, awtur ta' films dokumentarji.	Is-Sur Arkady Mamontov jospita l-programm televiżiv "Author's Program of Arkady Mamontov" u huwa awtur ta' films dokumentarji għat-televiżjoni Russa. Huwa xerred il-propaganda kontra l-Ukrajna. Huwa dderieġa film propagandista b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li fih huwa ppreżenta l-ħakma Ukrena qabel l-annessjoni illegali bħala kaotika u mimlija anarkija. Fil-films tiegħu, huwa wera lill-Ukrajna bħala ċentru tan-neo-Nazismu, il-faxxiżmu, in-nazzjonaliżmu u s-sentiment anti-Russu. Huwa eżaġera r-rwol tal-organizzazzjonijiet tal-lemin estrem fl-Ukrajna. Huwa akkuża lill-Ukrajna b'politiki diskriminatorji kontra l-kultura u l-lingwa Russa fl-Ukrajna. Huwa dghajf il-kredibbiltà u l-leġittimità tal-awtoritajiet Ukreni billi ssuġġerixxa li Euromaidan kien kolp ta' stat ispirat minn barra l-pajjiż, u li l-gvern Ukren kien dipendenti fuq l-Istati Uniti tal-Amerka. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022
690.	Sergei Mikhailovich PINCHUK (Сергей Михайлович ПИНЧУК)	Data tat-twelid: 26.07.1971 Post tat-twelid: Sevastopol, Ukrainian SSR, (now Ukraine) Funzjoni: Viċi Ammirall, l-ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed	Sergey Pinchuk huwa Viċi Ammirall u l-ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, li hija subordinat għad-Distrett Militari tan-Nofsinar tal-Forzi Armati Russi, u kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari mingħajr preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa tar-Russja. Forzi tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed ħadu sehem fi eżerċizzji militari fuq skala kbira qrib u fi ħdan il-fruntieri tal-Ukrajna.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawk iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Meta fl-24 ta' Frar 2022 ir-Russja nediet invażjoni militari fuq skala sħiħa fuq l-Ukrajna, it-truppi Russi tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed wettqu operazzjoni ta' ħatt l-art f'Mariupol u Odessa.</p> <p>Għaldaqstant, Sergei Pinchuk huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.</p>	
691.	<p>Alexey Yurevich AVDEEV (Алексей Юрьевич АВДЕЕВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 17.5.1967 Post tat-twelid: Tashkent, USSR (now Uzbekistan) Funzjoni: Logutenent General, Viċi kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Sess: Raġel</p>	<p>Alexey Avdeev huwa viċi kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tar-Russja, li kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna.</p> <p>Dan l-aħħar l-Ukrajna saret il-mira ewlenija tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Minħabba dan ġiet iffurmata t-tmien Armata l-għdida u ġiet estiża l-preżenza tad-Distrett fit-territorju tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari mingħajr preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni għdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa tar-Russja. Truppi mid-Distrett Militari tan-Nofsinhar wettqu eżerċizzji militari f'żoni madwar l-Ukrajna u ċaqalqu gruppi tattiċi tal-artillerija u tal-battaljun fil-peniżola tal-Krimea. Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawn iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar issorvelja wkoll l-eżerċizzji militari tal-forzi armati tar-"repubbliki" separatisti.</p> <p>Għaldaqstant, Alexey Avdeev huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.</p>	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
692.	Rustam Usmanovich MURADOV (МУРАДОВ Рустам Усманович)	Data tat-twelid: 21.3.1973 Post tat-twelid: Dagestan, Russia Funzjoni: Logutenent General, Viċi kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Sess: Raġel	<p>Rustam Muradov huwa logutenent ġeneral u viċi kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar, li kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna.</p> <p>Dan l-aħħar l-Ukrajna saret il-mira ewlenija tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Minħabba dan ġiet iffurmata t-tmien Armata l-ġdida u ġiet estiża l-preżenza tad-Distrett fit-territorju tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari mingħajr preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa tar-Russja. Truppi mid-Distrett Militari tan-Nofsinhar wettqu eżerċizzji militari f'żoni madwar l-Ukrajna u ċaqalqu gruppi tattiċi tal-artillerija u tal-battaljun fil-peniżola tal-Krimea. Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar issorvelja wkoll l-eżerċizzji militari tal-forzi armati tar-“repubbliki” separatisti. Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u “Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”, suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawn iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja nediet invażjoni militari fuq skala kbira fuq l-Ukrajna.</p> <p>Għaldaqstant, Rustam MURADOV huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.</p>	28.2.2022
693.	Andrey Ivanovich SYCHEVOY (Андрей Иванович СЫЧЕВОЙ)	Data tat-twelid: 16.5.1969 Post tat-twelid: village of Troitskaya, Krymsky District, Krasnodar Territory, USSR Funzjoni: Logutenent General, Kmandant tat-tmien Armata tal-Gwardji tal-Armi Magħquda tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Sess: Raġel	<p>Andrey Sychevoy huwa logutenent ġeneral u kmandant tat-tmien Armata tal-Gwardji tal-Armi Magħquda tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar, li kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna.</p> <p>Dan l-aħħar l-Ukrajna saret il-mira ewlenija tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Minħabba dan ġiet iffurmata t-tmien Armata l-ġdida u ġiet estiża l-preżenza tad-Distrett fit-territorju tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari mingħajr preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa tar-Russja. Truppi mid-Distrett Militari tan-Nofsinhar wettqu eżerċizzji militari f'żoni madwar l-Ukrajna u ċaqalqu gruppi tattiċi tal-artillerija u tal-battaljun fil-peniżola tal-Krimea. Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar issorvelja wkoll l-eżerċizzji militari tal-forzi armati tar-“repubbliki” separatisti. Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u “Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”, suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawn iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja nediet invażjoni militari fuq skala kbira fuq l-Ukrajna.</p>	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għaldaqstant, Andrey Sychevoy huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	
694.	Gennady Nikolayevich TIMCHENKO (Геннадий Николаевич ТИМЧЕНКО)	Funzjoni: Sid tal-grupp ta' investment privat Volga Group Data tat-twelid: 9.11.1952 Post tat-twelid: Leninakan, Sovjet Union (now: Gyumri, Armenia) Nazjonalità: Armena, Russa, Finlandiża Sess: Raġel	Gennady Timchenko huwa konnoxxenza għal żmien twil tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u huwa deskritt b'mod ġenerali bħala wieħed mill-persuni ta' fiduċja tiegħu. Huwa qed jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu ma' persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet. Huwa fundatur u azzjonist ta' Volga Group, grupp ta' investment b'portafoll ta' investimenti f'setturi ewlenin tal-ekonomija Russa. Volga Grupp jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija Russa u l-iżvilupp tagħha. Huwa wkoll azzjonist ta' Bank Rossiya li huwa meqjus bħala l-bank personali ta' Uffiċjali Għolja tal-Federazzjoni Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ fergħat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol, biex b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa. Barra minn dan, Bank Rossiya għandu interessi importanti fin-National Media Group li, min-naħa tiegħu, jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivament il-politika tal-gvern Russu ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa responsabbli wkoll għall-ġhoti ta' appoġġ finanzjarju u materjali, u li jibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	28.2.2022
695.	Alexey Alexandrovits MORDASCHOV (Алексей Александрович МОРДАШОВ)	Funzjoni: President ta' Severstal u Severgroup Data tat-twelid: 26.9.1965 Post tat-twelid: Cherepovets, Russia Nazjonalità: Russa Sess: Raġel Assoċjati: Yuriy KOVALCHUK; Nikolay SHAMALOV	Alexey Mordaschov qed jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu ma' persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet. Huwa l-President tal-kumpannija Severgroup. Din il-kumpannija hija t-tieni l-akbar azzjonist ta' Bank Rossiya, li fl-2017 kien jippossjedi madwar 5,4 % tiegħu, u li huwa kkunsidrat bħala l-bank personali ta' Uffiċjali Għolja tal-Federazzjoni Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ fergħat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol, biex b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa. Barra minn dan, Severgroup għandha interessi konsiderevoli fin-National Media Group li, min-naħa tiegħu, jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivament il-politika tal-gvern Russu ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Severgroup hija s-sid tal-kumpannija JSC Power Machines li hija responsabbli għall-bejgħ ta' erba' turbini eoliċi lill-peniżola okkupata tal-Krimea.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa responsabbli wkoll għall-ġħoti ta' appoġġ finanzjarju u materjali, u li jibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
696.	Peter Mikhaylovich FRADKOV (Петр Михайлович ФРАДКОВ)	Funzjoni: President ta' PJSC Promsvyazbank Data tat-twelid: 7.2.1978 Post tat-twelid: Moscow, Russia Sess: Raġel	Petr Fradkov huwa l-president ta' PJSC Promsvyazbank u l-uniku korp eżekuttiv tal-bank. Promsvyazbank huwa bank tal-Istat Russu, li jipprovdi appoġġ finanzjarju lis-settur tad-difiża Russu u lill-Militar Russu, li huwa responsabbli għall-iskjerament massiv ta' truppi Russi tul il-fruntiera mal-Ukrajna u għall-preżenza ta' truppi Russi fil-peniżola tal-Krimea. Promsvyazbank jingħata struzzjonijiet direttament mill-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u għalhekk jipprovdi appoġġ finanzjarju u materjali lil persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna u l-annessjoni illegali tal-Krimea. Promsvyazbank jopera fil-Peniżola tal-Krimea. Għalhekk, bħala president ta' Promsvyazbank, huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.2.2022

2. Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
56.	Gas Industry Insurance Company SOGAZ (Акционерное общество «Страховое общество газовой промышленности» АО «СОГАЗ»)	Indirizz: Sakharov boulevard 10, Moscow, 107078, Russian Federation Telefon: +7 8(495) 234-44-24 +7 8 800 333 0 888 Sit web: https://sogaz.ru Posta elettronika: sogaz@sogaz.ru ; cf@sogaz.ru	Il-kumpannija b'ishma konġunti "Gas Industry Insurance Company Sogaz" assigurat il-kostruzzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja li tgħaqquad il-pont fuq l-Istrett ta' Kerch u l-Port ta' Taman u assigurat mill-ġdid il-kostruzzjoni tal-pont fuq l-Istrett ta' Kerch. Għaldaqstant appoġġat il-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha komplet iddgħajfef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.2.2022"

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)